# BORD LI JIRREGOLA L-KERA
## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni nru: 492/2024/1**

**INDIS Malta Ltd (C28965)**

**vs**

**George Zammit (K.I. 6790M) u Karen Zammit (K.I. 10676G)**

**Illum, l-10 ta' April 2024;**

**Il-Bord;**

Reġa' ra r-rikors għal-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni magħmul ai termini tal-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mressaq fit-18 ta' Marzu 2024[1] (flimkien mad-dokumenti hemm imressqa) fejn għar-raġunijiet hemm premessi u mfissra, dan il-Bord intalab li jordna li l-intimati jiġu inibiti milli jkomplu joħolqu periklu billi jippermettu ħaddiema tagħhom u l-pubbliku jersqu viċin apertura partikolari ġewwa l-fabbrika mikrija lill-intimati u ċioe' dik bin-numru GGX010C, fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, Għawdex.

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra d-digriet tiegħu tal-istess ġurnata[2] fejn ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mandat ġie milqugħ proviżorjament u bi tħaris tal-artikolu 875(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimati ngħataw għaxart ijiem għar-risposta. Bl-istess digriet ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għal-5 ta' April 2024.

Ra r-risposta tal-intimati mressqa fil-1 ta' April 2024 fejn, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu ġiet preliminarjament imressqa wkoll l-eċċezzjoni ta' kompetenza ta' dan il-Bord fis-sens li dan il-mandat kellu jiġi ppreżentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Għawdex).

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-5 ta' April 2024[3] fejn seħħet trattazzjoni ulterjuri mid-difensuri tal-partijiet[4] u r-rikors tħalla għal digriet kamerali.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra**

Illi huwa ndubitat li dak li għandu jiġi deċiż l-ewwel u qabel kull kunsiderazzjoni oħra, huwa jekk dan il-Bord huwiex kompetenti jiddeċiedi b'mod finali dawn il-proċeduri. L-intimati jikkwerelaw dan l-aspett billi jgħidu li l-fabbrika mertu tal-kuntratt lokatizju jinsab Għawdex kif ukoll hemm tinstab ukoll ir-residenza tagħhom.

Illi jkollu jiġi mistqarr li din l-eċċezzjoni ma tantx ġiet trattata b'mod komplet mis-soċjetà rikorrenti. Pjuttost, hija tgħid li l-mandat sar fejn sar minħabba l-

[2] A fol 34 tal-proċess.
[3] A fol 41 tal-proċess.
[4] Debitament reġistrata u traskritta kif ordnat. Din tibda a fol 42 *et seq* tal-proċess.

urġenza tiegħu. Rispettosament, dan il-Bord ma jaqbel xejn ma dan l-argument; l-urġenza o meno ta' xi provvediment ma jfissirx li wieħed għandu jressaq il-lanjanzi tiegħu quddiem xi forum l-aktar prattikabbli, iżda legalment u ġudizzjarjament skorrett.

Illi bħala daħla qasira, huwa ben magħruf li awtorità ġudikanti b'kompetenza limitata ma tista' qatt tasserixxi kompetenza li l-leġislatur ħalla f'idejn ħaddieħor. Sfiq ma' dan allura, l-liġi timponi obbligu fuq min huwa tenut jiġġudika li jqajjem tali dubju, anke jekk l-parti mħarrka ma tqajjimx din id-difiża jew saħansitra tkun kontumaċi f'dak il-proċediment[5]. Wara kollox, il-kompetenza ta' xi awtorità ġudikanti ma tistax tiġi maqbula bejn il-kontendenti[6].

---

[5] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Antonio Debono *et* vs Paolo Borg,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 t'April 1955 per Onor. Imħallef Dr. J. Caruana Colombo, fejn, b'self minn sentenza preċedenti ġie mfakkar u deċiż hekk: *"Illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-31 ta' Jannar, 1935, fil-kawża "Scicluna vs Banavage", din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza hija sollevabbli mill-Qorti, għalkemm il-konvenut huwa kontumaċi; tant għaliex il-kontumaċja tal-konvenut ma tagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-kawża, u għalhekk il-ġudikant għandu jeżamina l-ġustizzja tad-domandi ta' l-attur mingħajr ma jieħu kont tal-kontumaċja tal-konvenut, kemm għaliex l-eċċezjzoni hi sollevabbli "ex officio" meta, għar-raġuni ta' materja, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza jew ġurisdizzjoni tal-Qorti (Vol. XXIX-11-293)".* Fuq l-istess vena mbagħad, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Gerada vs Salvu Attard,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-6 ta' Novembru 1959 fejn intqal hekk: *"Għalkemm il-konvenut jibqa kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda; imma, inveċi, għas-suppożizzjoni ta' rimessjoni għall-ġustizzja tat-tribunal".* Aktar qrib żminijietna mbagħad, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Epifanio Azzopardi vs Alberto Decelis,** (Rik Ġur Nru: 57/17) mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera kif hemm presedut nhar l-4 ta' Ottubru 2018 u dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Signrite Limited vs Richmoore and Anderson Limited (C-50459),** (Avv Nru: 80/2019) mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera kif hemm presedut nhar is-7 ta' Ottubru 2019.

[6] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Azzopardi vs Doris Behag**, (App Ċiv Nru: 133/2008/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-5 ta' April 2013, fejn waqt deċiżjoni dwar aggravju li kien ikkritika l-ewwel sentenza għaliex l-eċċezzjoni tal-kompetenza ġiet sollevata *ex officio* qalet hekk *"Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Il-qsim tal-kompetenza tal-qrati u t-tribunali hija materja ta' ordni pubbliku, u l-partijiet ma jistghux "jaqblu" dwar quddiem liema Qorti jressqu d-disputa taghhom. L-eċċezzjoni ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin tista', skont xi awturi u sentenzi, tigi rinunzjata jekk il-konvenut f'kawza jissottometti ruhu ghal dik il-gurisdizzjoni. Min-naha lohra, il-kompetenza tad-diversi tribunali tal-istat Malti hija regolata b'ligi, u mhux kompitu ta' xi qorti li tasserixxi kompetenza li mhux taghha. Ir-regoli ta' procedura huma ta' ordni pubblika u*

Illi f'dan l-każ intwera ċar (u mhux kontradett) li l-fabbrika mertu tal-proċeduri tinsab ġewwa l-gżira t'Għawdex, u din l-aħħar gżira hija r-residenza tal-intimati. Lil'hemm minn xi argumenti rigwardanti l-*privilegium fori*[7], dan il-Bord iqis li jeżisti Bord li Jirregola l-Kera kemm għal Malta u kemm għal Għawdex. Dan jemerġi impliċitament mill-fatt li hemm żewġ Reġistri li jilqgħu atti u proċessi tal-Bord[8] u imbagħad b'mod espliċitu fid-dawl tad-definizzjoni mogħtija fil-Liġi Sussidjarja 69.01 fejn fit-tifsira tal-kelma "Bord" insibu hekk:

> *"Bord" ifisser il-Bord li jirregola l-Kera mwaqqaf skond l-Ordinanza, għall-Gżira ta' Malta jew, skond il-każ, għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna*

Illi wkoll l-artikolu 7 tal-Liġi Sussidjarja 69.01 jgħid hekk:

> *7. Is-seduti tal-Bord għandhom isiru f'dawk il-ġranet u f'dawk il-ħinijiet li jiġu ffissati miċ-Chairman fil-bini tal-Qorti Superjuri jew, skond il-każ, fil-bini tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).*

Illi mill-provi jirriżulta ċar li din l-azzjoni kellha tiġi promossa quddiem Bord ieħor.

Illi fil-verità', l-akbar diffikultà li sab il-Bord kienet dwar jekk l-artikolu 741 huwiex applikabbli għal dawn il-proċeduri, ġaladarba dak l-artikolu jitkellem dwar "kawżi". Huwa minnu li dawn il-proċeduri tal-lum huma sempliċiment

---

*jehtieg li jigu segwiti skont id-dettami espressi taghhom, u ma jistghux jigu interpretati skont ix-xewqa tal-partijiet."*

[7] Ara f'dan is-sens u fost oħrajn dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Mercieca,** (Rik Nru: 4/2023) mogħtija minn dan il-Bord (Għawdex) nhar is-26 ta' Marzu 2024.

[8] Ara artikolu 22 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 69.01.

kawtelatorji u allura naturalment ma jqisux il-mertu. Madankollu, dan ma jfissirx li s-salvagwardji kollha ta' kawża normali m'għandhomx isibu applikazzjoni wkoll hawnhekk. Wara kollox, ġie mfisser li għalkemm proċeduri simili ma jittrattawx il-mertu tal-kwistjoni, dan ma jfissirx li m'humiex ukoll milquta bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem[9], għalkemm ma f'proċeduri t'inibizzjoni ma jiġix deċiż b'mod finali xi jedd jew obbligu ċivili. Hekk ukoll, instab li jista' jkun hemm lok għall-astensjoni jew rikuża ta' xi ġudikant milli jisma dawn it-tip ta' proċeduri[10], għalkemm dawn huma fil-parametri stretti tal-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'analoġija, l-istess artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, intuża wkoll f'sitwazzjonijiet fejn proċeduri għar-revoka ta' mandat kawtelatorju (artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jiġu mressqa quddiem Qorti tal-ewwel grad meta l-azzjoni fil-mertu tkun qiegħda pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell[11].

Illi l-Bord isib, anke sabiex jiġi salvat dan il-mandat mressaq ħażin, li għandu jutilizza l-istess modalita' ta' trasferiment. Li kieku ma kienx għal l-iżvilupp leġislattiv tal-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li sar propju sabiex kawżi ma jieqfux minħabba żbalji ta' dan it-tip), il-kwistjoni kienet tieqaf hawn u huwa biss b'dan il-mod li dan il-mandat sejjer ikompli jinstema u jiġi deċiż fil-mertu tiegħu. Dan qiegħed jiġi aċċentwat fid-dawl tar-raġuni mogħtija mis-soċjetà' rikorrenti fit-trattazzjoni tagħha, imsemmija aktar kmieni. L-urġenza

---

[9] Titqies ġurisprudenza klassika s-sentenza fl-ismijiet **<u>Micallef vs Malta</u>**, (Applikazzjoni Nru:17056/06) mogħtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem nhar il-16 ta' Ottubru 2009, fejn għall-ewwel darba kien hemm żvilupp (u bidla) ta' ħsieb dwar proċeduri bħal dawn mill-aspett tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Qorti sabet li l-artikolu 6 huwa wieħed applikabbli.

[10] Issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **<u>Albert Attard *et* vs Awtorità għat-Trasport f'Malta,</u>** (Mandat Nru: 834/18) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju 2018.

[11] Bħala eżemplari ġurisprudenzjali dwar dan, il-Bord jagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **<u>Joseph Borg *et* vs Dr. Mark Mifsud Cutajar *et,*</u>** (Rik Revoka Nru: 781/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Settembru 2021.

ma tfissirx li l-mandat jiġi mressaq f'Bord ħażin. Wara kollox, kien ikun aktar siewi, anke minħabba t-terminu abbinat ma dawn il-proċeduri, li dan il-mandat jitressaq sew mal-ewwel.

Illi għalhekk iqis li l-ewwel l-eċċezzjoni hija waħda fondata u għandha tintlaqa limitatament, għaliex il-Bord isib li hemm lok għat-trasferiment tal-atti kif hawn fuq spjegat u b'hekk m'hemmx lok għal pronunzjament ta' nullitá kif indikat fl-istess eċċezzjoni.

Għaldaqstant il-Bord, filwaqt li qiegħed jiddikjara ruħu nkompetenti, qiegħed ai termini tal-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jibgħat l-atti ta' dan il-mandat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex din tittrasmetti l-atti li l-Bord li Jirregola l-Kera għal-Gżejjer t'Għawdex u Kemmuna kif hawn fuq spjegat.

Spejjeż riżervati għad-digriet finali skond kif jiġi deċiż mill-Bord l-ieħor.

**Digriet mogħti kameralment illum l-10 ta' April 2024.**

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur